**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 2 ta' Gunju 2023**

**Rikors nru : 156/2018 AGV**

**AB**

**Vs**

**M LB**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-Rikors ta' AB nthony Buhagiar fejn ippremetta s-segwenti :-**

1. Illi l-esponenti zzewweg lill-konvenuta u bejniethom ghandhom zewg ulied – certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok A u certifkat tat-twelid tal-minuri hawn anness bhala Dok B u Dok C;

2. Illi avolja baqghu jghixu taht l-istess saqaf fil-verita' ilhom minn ftit wara li twieldet binthom CR li llum ghandha 16-il sena ma jghixu flimkien bhala ragel u mara, sal-punt illi mhux talli l-esponenti ilu snin twal ma jorqod fl-istess kamra mal-intimata jew inkella li jaghmlu l-atti ta mizzewwgin, izda talli lanqas biss jieklu flimkien, jahslu hwejjighom flimkien, johorgu flimkien ecc, jitkellmu ghan-neccessita' pura biss;

3. Illi l-hajja konjugali ta bejn il-kontendenti m'ghadiex aktar possibli minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenuta fosthom sevizzi, vjolenza fizilka u morali eccessi, minaci u ingurji gravi kif ukoll minhabba l-inkompatabbilita' serju tal-karattru;

4. Illi m'hemmx lok ghal rikonciljazzjoni u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

5. Illi r-rikorrent gie servut bl-awtorizzazjoni mehtiega biex jipprocedi f'dina l-istanza entro t-terminu legali kontra martu l-konvenuta ghas-separazzjoni personali skont ma jirrizulta mid-dokument D ;

**Ighid ghalhekk l-intimat ghaliex ghar-ragunijiet permessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex :-**

I. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg odjern ghal dawn ir-ragunijiet kollha indikati f'dan ir-rikors jew liema minnhom u li abbazi taghhom qieghda tintalab il-firda personali bejn il-kontendenti;

II. Tippronunzja s-separazzjoni personli bejn il-kontendenti stante r-ragunijiet indikati jew liema minnhom ;

III. Tistabilixxi d-data meta l-istess konvenut ghandu jigi kkunsidrat li kkaguna l-firda bejn il-kontendenti u tapplika in toto jew in parte kontra l-konvenut d-dispozizzjoni tal-Artikolu tmienja u erbghin (48) , wiehed u hamsin (51) u tnejn u hamsin (52), u tlieta u hamsin(53) tal-Kapitolu sittax (16) tal-Ligijiet ta Malta;

IV. tawtorizza lir-rikorrenti jghix separatament mill-konvenuta martu

V. tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri CR tigi fdata b'mod kongunt bejn il-partijiet u taghti dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni li jikkoncernaw lill-binthom il-minuri;

VI. F'kaz li l-hames talba ma tkunx milqugha, tiffissa access ghar-rikorrent sabiex ikun jista jara lit-tifla minuri;

VII. Tiddikjara li l-intimata ddekadiet mid-dritt ta manteniment ghal ragunijiet sufficjenti fil-ligi kif se jkun ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

VIII. Tittermina l-konunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tillikwida u taqsam f zewg partijiet b'mod li jkun kommina kontra l-intimata d-dispozizzjonijiet tal-artiklu 48 tal-Kodici Civili okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi sabiex jaffettwaw kull likwidazzjoni necessarja u jipproponi pjan ta' divizjoni tassenja sussegwentement l-istess porzjonijiet wahda lill-attrici u l-ohra l-konvenut;

IX. Takkorda lill-attur d-dritt li jirrisjedi gewwa l-fond matrimonjali u li jgib l-indirizz Block D3, Flat 6, Triq il-Kultelazz, Mosta dan ad eskluzjoni tal-

konvenuta u ghal dan il-ghan tordna lill-istess konvenuta sabiex fi zmien qasir u perentorju li jizgombra effettivament mil-fond;

X. F'kaz li disa' talba ma tkunx milqugha, il-kera tal-istess dar tibda biss lill-konvenuta waqt li tikkumpensa lir-rikorrent tal-imsemmi dritt t'abitazjoni b'somma ta' flus fis-sena, pagabbli kull sitt xhur ;

XI. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha prefiss minn din l-Onorabbli Qorti tikkonsenja lill-attur l-oggetti kollha dotali u parafernali taghha inkluz flus u krediti ohra u n-nuqqas tikkundanna lill-istess konvenuta ihallas il-valur tal-istess bl-opri ta Periti nominadi sabiex jeffettwaw il-kalkoli necesarji f'dan ir-rigward tordna konsegwentament li l-attrici tigi moghtija l-piena amminstrattiva tal-beni dotali u parafernali tieghu;

XII. Tawtorizza lir-rikorrenti tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventawalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri inkorsi quddiem din l-Onorabbli Qorti waqt is-seduti tal-medjazzjoni kontra l-intimat li huma minn issa ngunt in subizzjoni.

**Il-Qorti,**

**Rat ir- Risposta Ġuramentata ta' MLB fejn eccepiet is-segwenti :-**

1. Illi l-esponenti intavolat hija wkoll proċeduri ġudizzjajri permezz tar-rikors ġuramentat numru 167/2018 fl-ismijiet *B ML vs BA* u għaldaqstant it-

talbiet tal-attur f'dawn il-proċeduri għandhom ikunu kkunsidrati fid-dawl tat-talbiet tal-esponenti fl-imsemmija proċeduri.

2. Illi għar-rigward tal-ewwel u t-tieni talba tal-attur, l-esponenti taqbel illi din l-Onorabblu Qorti għandha tippronunzja s-separazzjoni personali tal-partijiet, iżda għar-raġunijiet imputabbli lill-attur, konsistenti f'vjolenza domestika severa fil-konfront tal-esponenti u t-tlett ulied, inkluż swat frekwenti, terrur kontinwu, theddid, kontrol assolut u nuqqas ta' kontribut finanzjarju għall-familja mill-attur. L-attur għamel ħajjet martu u uliedu infern, u dan kif se jirriżulta waqt l-andament tal-kawża. In oltre', il-ħajja matrimonjali tal-partijiet saret ukoll impossibli minħabba adulterju mwettaq mill-istess attur, bl-aktar mod lampanti, u dan kif se jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

3. Illi għar-rigward tat-tielet talba, ma hemm l-ebda raġuni jew lok illi l-imsemmija artikoli jiġu applikati fil-konfront tal-esponenti, u dan kif se jirriżulta waqt l-andament ta' dawn il-proċeduri.

4. Illi għar-rigward tar-raba' talba, hemm qbil assolut illi l-attur jgħix separatament mill-esponenti. Di fatti din l-Onorabbli Qorti fl-udjenza tad-19 ta' April 2018 fl-assenza tal-attur, ordnat illi '***minħabba l-gravita' taċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ ... b'effett immedjat AB ma jersaqx lejn id-dar matrimonjali u ċioe' Blokk D3, Flat 6, Housing Estate, Triq il-Kultellazz, Mosta, u għandu, sakemm ma tingħatax ordni oħra mill-Qorti jżomm distanza sa mhux inqas minn 500 metru mill-imsemmija dar u minn kull fejn ikunu jinstabu ML B u l-minuri CRB .***'

5. Illi għar-rigward tal-ħames, l-esponenti ma taqbilx illi l-kura u kustodja tal-minuri C R tiġi fdata b'mod konġunt bejn iż-żewġ il-partijiet. Jingħad illi l-minuri CR , li llum għandha sittax – il sena, sofriet ferm minħabba l-komportament abbusiv tal-attur: hija għexet f'ambjent ta' biża' kontinwu minħabba swat fuqha u fuq il-membri kollha tal-familja; kontroll assolut mill-attur fejn l-aktar affarijiet bażiċi ma kienux permessi fid-dar matrimonjali, bħal użu tal-*water gas heater* biex tinħasel, użu ta' dawl waqt li qed tistudja, użu tal-*washing machine;* tghajjir, nuqqas assolut ta' kontribut finanzjarju għat-trobbija tagħha u ta' ħutha, u kull tip ta' terrur li wieħed jista' jimmaġina, inkluż li ma jippermettix illi l-ulied u l-esponenti jieklu mill-ikel li kienu jipprovdu n-nanniet materni. Il-vjolenza domestika sofferta mill-membri kollha tal-familja, inkluż C , tant kienet severa illi għal dan l-aħħar seba'/tmien snin l-esponenti u l-minuri C bdew isakkru l-kamra tas-sodda illi jorqdu fiha, u ma joħorġux minn ġo fiha fil-ħinijiet illi l-attur ikun fid-dar matrimonjali. Il-minuri sa kienet tiekol ic-*cereal* filgħodu qabel l-iskola fl-istess kamra tas-sodda, għaliex meta kienet tieħu il-breakfast fil-kċina kienet tispiċċa abbużata fiżikament mill-attur.

6. Illi għar-rigward tas-sitt talba, u ċioe' t-talba tal-attur sabiex ikollu aċċess għal minuri C, jingħad illi l-minuri m'għandha l-ebda relazzjoni mal-intimat, u ma tixtieq li jkollha l-ebda relazzjoni u/jew kuntatt miegħu, tenut kont tat-trobbija diffiċli illi l-attur għażel li jagħti lill-uliedu kollha. Il-minuri C soffriet ħafna swat mill-attur, għexet dejjem f'terrur permezz ta' mus illi l-attur kien jagħmel ma' wiċċha u ma' wiċċ l-esponenti; fi ftit kliem, il-minuri għexet l-**infern** f'dik li kellha tkun id-dar sigura. Għaldaqstant, din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex takkorda aċċess lill-attur għal-minuri C.

7. Illi għar-rigward tas-seba' talba , l-esponenti ma għamlet xejn ħażin illi jwassal għad-dekadenza tad-dritt tagħha illi tirċievi manteniment mingħand l-attur.

8. Illi għar-rigward tat-tmien talba hemm qbil illi din l-Onorabbli Qorti tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti. Għar-rigward tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili jingħad illi dan l-Artikolu u s-sanzjonijiet kollha relatati għandhom jiġu applikati fil-konfront tal-attur, u mhux fil-konfront tal-esponenti.

9. Illi fir-rigward tad-disa' u l-għaxar talba jingħad illi dawn għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom konsegwenza tal-vjolenza domestika severa illi għaddiet minnha din il-familja riżultat tal-aġir abbusiv tal-attur. Fi kwalunkwe każ, it-titolu tal-kera tad-dar matrimonjali għandu jiġi assenjat lill-esponenti, kif ġia ġie mitlub fir-rikors ġuramentat numru 167/2018 fl-ismijiet *B ML vs BA* .

10. Illi għar-rigward tal-ħdax – il talba jingħad illi l-esponenti m'għandha xejn x'tagħti lill-attur.

11. Illi hemm qbil rigward t-tnax it-talba illi s-sentenza tiġi reġistrata fir-Reġistru Pubbliku.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Liġi.

Bl-ispejjeż tal-istanti, tal-proċeduri bir-rikors ġuramentat numru 167/2018 fl-ismijiet *BML vs BA* u tal-proċeduri tal-medjazzjoni kontra l-attur, li huwa minn issa nġunt in subizzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**FATTI**

1.Il-partijiet izzewwgu fit-13 ta' Awissu, 1989 u minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, K, C li miet u CR . L-attur jispjega li sakemm kellhom l-ewwel tarbija kienu kuntenti u t-tnejn kienu jahdmu. Hu kien jahdem bhala *delivery man*, filwaqt li l-konvenuta kienet tahdem bhala *chambermaid* gewwa lukanda. Kienet waqfet tahdem meta harget tqila u din kienet decizjoni li hadu flimkien.

L-unika problema li kien jara kien li r-relazzjonijiet intimi bejniethom kienu rari u dan minhabba li l-konvenuta kienet tirrifjuta hlief biex jaghmlu t-tfal, izda kien jemmen li dina s-sitwazzjoni kienet ser titjieb. Imma ma garax hekk ghaliex il-konvenuta kienet tghawwi lit-tifel kontrih.

Problema ohra li kien jara fil-konvenuta kienet li l-konvenuta kienet tittraskura d-dar u kien jispicca jaghmel hafna faccendi hu fit-tmiem il-gimgha.

Jispjega li maz-zmien iz-zwieg taghhom ma kienx sejjer tajjeb u kienu marru jfittxu l-ghajnuna u jsostni li kien ghamel xi sena jibza' minn martu peress li kienet torqod b'sikkina taht l-imhadda sabiex ma jorqodx hemm u kien spicca jorqod go kamra ohra u ma kienx ghamel rapport. Pero' kienet bdiet thallih peress li xtaqet li jkollhom tarbija ohra u fil-fatt kellhom lil C, li sfortunament kien miet tal-eta' tenera ta' kwazi sentejn.

Jametti li t-tnejn li huma kienu haduha bil-kbira u kellhom xokk li effettwat is-sahha taghhom. Wara erba' snin pero' ddecidew li riedu tarbija ohra u kellhom lil CR , li twieldet bil-problema tal-*psoriasis*. Minn wara t-twelid tat-

tifla, l-attur jispjega li r-relazzjonijiet intimi mal-konvenuta waqqfu kompletament.

Dan kien perjodu hazin ghalihom jistqarr l-attur, ghaliex il-konvenuta kienet titolbu €500 fix-xahar biex tixtri l-kremi li kellhom bzonn CR minhabba li kellha l-*psoriasis*. Kellu ghalhekk jahdem ghall-hinijiet twal sabiex ilahhaq b'dawn l-ispejjes. In kontro-ezami jinnega li kien izomm il-flus kollha ghalih. Anzi jghid li kien jaghtiha l-flus ghall-hajja.

Jikkonferma li l-konvenuta kienet ghamlet zmien izzomm sikkina u dan kien fi zmien li kellhom it-tieni wild. Ighid li ma kienx ghamel rapport l-ghassa.

In kontro-ezami jinnega li kien qatt refa' idejh fuq martu u anke fuq it-tfal. Jinnega ukoll li l-konvenuta kienet ghamlet kamra sabiex hi toqghod mat-tifla peress li kienet tbati minn *psoriasis* u kienet tibki hafna bil-lejl u kien ikun aggressiv mal-konvenuta.

Ighid li fl-2003, kienu ghaddew minn iktar problemi peress li l-pulizija kienu hadu lit-tifel K peress li gew akkuzati li ma kinux qed jitimghuh u li kienu qed jittrattawh hazin.  L-Appogg kienu hadu t-tifel K  ghal xahar shih fl-istitut ta' St.Patrick's f'Ta' Sliema. Izid ighid li tal-Appogg kienu infurmawh li l-konvenuta kienet qed titratta lil K hazin peress li hu kien vjolenti maghha u jinnega dan. Ighid ukoll li l-Appogg kienu akkuzawh li qed jahbi lill-konvenuta.

Jinsisti li dejjem attenda l-laqghat l-Appogg.

Fl-2015, minhabba li spicca b'erba *slip discs,* l-attur kellu jieqaf jahdem bhala *deliveryman* u go hanut tal-merca u ghamel zmien id-dar u mbaghad kien sab xoghol ta' anqas strapass f'Monte Carmeli bhala *courier*. Gara ukoll li fl-2016 il-konvenuta mardet b'qalbha u sahhitha marret lura ukoll ghal xi zmien.

Ir-relazzjonijiet intimi bejniethom kienu prattikament inezistenti u minhabba li hassu abbandunat beda jiftah qalbu ma' shabu kemm maskili kif ukoll femminili u spicca darba ltaqa' ma' habiba J fil-karozza biex jiftah qalbu maghha u kienu segwewh il-konvenuta u uliedhom. In kontro-ezami l-attur jikkonferma li kienu f'post imwarrab u mudlam. Dakinhar ighid li l-konvenuta kienet irrappurtatu li kien sawwatha u kienu marru d-dar il-pulizija. Jinnega li qatt refa' idejh fuq martu. Kien resaq lejn it-tifel K  biex iwaqqfu milli jiehu r-ritratti. In kontro-ezami, l-attur jinsisti li c-certifikati li pprezentat il-konvenuta huma kollha foloz.

Minhabba diversi rapporti li kienet ghamlet il-konvenuta spicca gie zgumbrat mid-dar matrimonjali wara li kien mar il-marixall mill-Qorti. L-attur jinnega b'mod assolut li kien uza vjolenza domestika fuq il-konvenuta u kien jittrattaha ta' skjava kif qed tallega. Jinnega ukoll li kien vjolenti ma' uliedu.

Jikkonferma li llum ighaddi s-somma ta' €480 fix-xahar ghall-martu u ghat-tifla.

Jammetti li l-konvenuta u uliedhom kienu sabuh f'karozza ma'  JG    f'post imwarrab, izda jghid ma kienu qed jaghmlu xejn. Jinnega li kien qabad lill-konvenuta minn idejha u hebb ghaliha u kellu jwaqqfu K. Ighid biss li beda jipprova jwaqqaf lil K   milli jiehu r-ritratti. Jikkonferma li kienu gew il-pulizija u llum hemm proceduri pendenti. Jinsisti li c-certifikati li nhargu kontrih kienu kollha foloz.

2. Il-konvenuta tispjega li kienet iltaqghet mal-attur meta t-tnejn li huma kienu jahdmu Villa Rosa. Tghid li tul l-gherusija kienet hassret tlett darbiet u dan minhabba li kien nervuz u kien ighajjat  maghha, kif ukoll minhabba li ndhil u l-possessivita' tieghu.

Kienet imbaghad hassret l-gherusija b'mod definittiv meta l-attur irrifjuta li jhallas sehemhu mid-depositi fuq l-ghamara li kienu ordnaw. Fil-fatt tghid li

kienet spiccat hallset id-depositi hi, kif ukoll l-ammont shih ta' dina l-ghamara. Waqt l-argument, l-attur kien xejjer idu u taha daqqa fuq widnejha u fuq il-genb ta' wiccha. Dakinhar qal li kien zball, izda l-konvenuta tinsisti li fiz-zwieg kien qallha li kien ghamilha appositament. Meta tkellmet mal-genituri taghha dwar dan l-incident, kienu qablu maghha li ghandha thassar l-gherusija.

Pero' ommha thassritu u kien baqa' jidhol ghandhom u kienet taghtih jiekol, tant li spiccaw biex irrangaw. Minn hawn bdew ihejju t-triq ghaz-zwieg. L-inkwiet kompla jidher fil-*honeymoon,* fejn fit-tieni gimgha li kienu msiefrin, l-attur kien qallha li ma kellux izjed flus u spiccat kellha thallas kollox hi. Indunat li kellu flus mill-kartiera u meta kkonfrontatu kien refa' jdejh fuqha.

Il-konvenuta tghid li mal-genituri taghha ma kien jonqosha xejn u peress li kienet tahdem maghhom fl-ghelieqi kienu jfaddlulha l-flus u mbaghad meta bdiet tahdem kienet tfaddal il-flus u bihom kien irnexxielha tghajjex lil uliedha.[1]

Fil-bidu taz-zwieg, il-partijiet kienu joqoghodu ghand il-genituri tal-konvenuta, imbaghad kienu marru joqoghdu ma' oht l-attur HB u l-familja taghha fil-fond Blokk D3, Flat 6, Government Housing Estate, Triq il-Kultelazz, Mosta. Meta telqu, il-konvenuta kienet talbet lill-attur sabiex il-fond jigi ttrasferit fuq isimhom it-tnejn, izda rrifjuta u rrifjuta ukoll li jdawwar il-metre u nizlu fuq ismu.

Il-konvenuta tkompli tispjega li fiz-zwieg il-genituri taghha kienu jghinuhom hafna. Ghalkemm l-attur kien jahdem ma' Borg & Aquilina *full-time*, kif ukoll bhala bajjad u kahhal *part-time*, kien izomm l-introjtu ghalih u qatt ma kkontribwixxa finanzjarjament ghall-bzonnijiet tal-familja. Minn naha l-ohra hi kienet obbligata li tinforma lill-attur dwar id-dhul u l-infiq kollu tal-paga taghha.

[1] Doks. A1- A27

Tishaq li minhabba dawn il-problemi finanzjarji kienu jispiccaw jargumentaw u kien zdied l-iswat u anke l-insulti u t-tghajjir. Minhabba f'hekk tammetti li kellha taghmel uzu mis-servizz tal-Helpline 179 kemm il-darba u kellha, fuq parir taghhom tirrikorri ghall-ghajnuna ta' diversi social workers u kienet anke ssib farag mis-sacerdoti li kienet taf.

Mill-bidu taz-zwieg, il-konvenuta tilmenta li l-attur ma kienx jiddedika hin ghaliha fil-weekend u kien jippreferi johrog wahdu s-Sibt u l-Hadd filghodu. Fl-1993 gieghlha tieqaf tahdem bhala *chamber maid* il-Miramare Hotel peress li ddecieda li l-flus li kienu jaghtuhom il-genituri taghha kienu bizzejjed sabiex ighaddu.

Izid tghid li fl-1993 kienet marret hadet parir minghand Dr. Lorraine Schembri Orland biex tkellimha dwar l-abbuz u kienet baghtet ittra lill-attur[2], b'konsegwenza li l-affarijiet qalbu ghall-aghar u spiccat abbuzata fizikament minnu.

Tghid li l-attur kellu stima baxxa tieghu nnifsu u kien jirrabbja minhabba f'hekk. Kien gieghlha ukoll taghmel *breast augmentation* u tghid li din l-operazzjoni kienet ghamlitha kontra r-rieda taghha. L-abbuz kontinwu kompla anke permezz tal-fatt li kien jara l-pornografija u ghalkemm irrifjutat, kien jinsisti mal-konvenuta li tara l-films mieghu. Lanqas kellu rispett lejn uliedu u dan meta CR  kienet indunat li kien qed jara dawn il-films.

Il-konvenuta semmiet ukoll li kienet tbati ukoll minn infezzjonijiet relatati mas-sess u kienet damet ma fieqet minnhom[3], hlief wara li waqqfet ir-relazzjonijiet intimi mal-attur. It-tobba kienu wissewha li dawn jirrizultaw minn relazzjonijiet ma' iktar minn persuna wahda u tikkonferma li zgur ma kinitx hi, izda kien l-attur li kellu wicc haddiehor. Meta kkonfrontatu kien

---

[22] Dok. X1

[3] Doks. E1-E14

kecciha barra mill-kamra tas-sodda u spiccat li kellha tmur torqod mat-tifla, izda xorta kien jipprova jaghmel avvanzi.

Tghid li l-ahhar li kellhom relazzjonijiet intimi kien wara li kienet harget tqila b'CR wara li l-attur abbuza minnha sesswalment u kienet korriet.

Wara t-twelid ta' K, l-attur ma hallix tixtri *co*t u spiccat kellha tissellef wahda minghand ohtha. Tispjega li K dam xi ghaxar snin, ibati minn *chest infections*, grizmejh u danni qawwi, u ghalkemm kien ikollha bzonn tahsel hwejjgu minhabba xi infezzjoni, l-attur ma kienx iridha tuza' l-washing machine u kienet tispicca tahsel b'idejha, izda kienu jghinuha l-genituri taghha billi jahslulha l-hwejjeg.

Tispjega ukoll li l-attur kien vjolenti fuq it-tifel K u kien anke jsawwtu bic-cintorin. It-tifel kien bata anke minn *bullying* l-iskola u spiccat li kellha tiehdu ghand ic-*child psychologist* Dr. Anna Marie Micallef u kienet tiehdu ukoll ghand Dr. Mariella Blackman.[4] K minn dejjem ma kienx jitkellem sew peress li kellu xi *speech problem* u minflok kien joffrilu support, l-attur kien ighajjru injorant u li lanqas ma jaf jitkellem.

Tghid li maz-zmien, is-swat fuqha u fuq K kien zdied u hawn kienet sabet l-ghajnuna tal-gara C (N) F, tant li wara K kienet harget tqila u korriet it-tarbija bl-iswat li kien qalghet minghand l-attur meta sar jaf li kienet tqila. Minn dakinhar tal-korriment bdiet tiehu l-pillola kontracettiva.

Tispjega kif il-genituri taghha kienu jzommu lil K ghal xi *weekend* u b'hekk kienet tevitalu l-iswat, imma mhux dejjem setghet tevitah, tant li kemm hi u anke l-genituri taghha ma kienx ikollhom il-hila jwaqqfuh. Izzid tghid li kienu ukoll isoffru minn vjolenza emozzjonali peress li kien ighajjarhom hafna.

[4] Dok. G

Ipprezentat diversi certifikati medici u dan sabiex tikkonferma s-swat li kienet taqla' u dan fuq parir tas-social workers.[5]

Issemmi diversi episodji ohra kif l-attur kien jipprova jifgaha u kif kien jaghtiha d-daqqiet.

Il-konvenuta ssemmi l-mewt tragika ta' binhom C u kif hawn ukoll l-attur wera nuqqas ta' empatija u ghalkemm hassitha ha tiggennen bil-qalb maqsuma li kellha, l-attur ma tantx ta kaz ghax l-ghada tal-funeral mar jixtri t-*television* u s-*sound system* li kien ilu jipprepara ghalihom.[6]

Dwar it-tifla CR , tghid li din twieldet prematura u dan minhabba l-iswat u d-daqqiet li kienet taqla'. It-tobba kienu ordnawlha mistrieh assolut, izda l-attur ma kienx jimpurtah u kien jordnalha sseftirlu. Kienu jghinuha hafna hutha u l-girien u minkejja li t-tobba riduha tqatta' t-tqala l-isptar irrifjutat u dan minhabba li ma kinitx kuntenta thalli lil Karl id-dar mal-attur u ghazlet li tibqa' d-dar biex tipproteggih.

Il-konvenuta tkompli tispjega li tul it-tqala kellha diversi emoragiji, tant li ma kellhiex ghazla u kellha tigi rikoverata l-isptar, izda f'dan iz-zmien Karl mar ighix ghand il-genituri taghha u ghalhekk kellha mohha mistrieh. Kien hemm darbtejn fejn hajjitha u dik ta' CR kienu f'periklu, izda rnexxielhom ikampaw. Izid tghid ukoll li K kien kuntent hafna ghand in-nanniet u kienu ndunaw li ma kienx kuntent li jerga' jmur lura d-dar meta kienu qed jippreparawh. Dan gie ukoll ikkonfermat minn oht il-konvenuta S G.

CR twieldet bil-problemi taghha, ghaliex tbati minn *psoriasis,* kif ukoll mill-*asthma*. Hawn ukoll l-attur ma wera l-ebda empatija, anzi kien ighajjarha li hi mgiddma meta kien ikollha attakk kbir. Meta kienet giet ibbulijata kemm mit-tfal u kien hemm incident fejn anke l-ghalliema kienet qed tizolaha, l-attur

---

[5] Dok. I1 – I38
[6] Dok. M

qabez ghall-ghalliema u mhux ghall-konvenuta li baqghet tiggieled ghall-bintha, tant li meta marru d-dar, wara laqgha li kellhom, kien refa' idejh fuq il-konvenuta peress li kienet ikkontraditu quddiem l-ghalliema.

L-attur kien anke jghajjar lit-tifla li kienet injoranta u li mhi tajba ghal xejn.

Ma kienx ihalliha taghmilhom kejkiet ghall-*birthdays* taghhom u lanqas izejjen is-salott ghall-birthdays taghhom, izda, xorta kienet taghmilhom minn flusha stess.

Kien hemm problema ta' *bullying* ukoll fil-konfront tat-tifel K  u l-attur ma riedx imur maghha l-iskola sabiex tkellem lis-surmast u kienet marret ma' habiba taghha R A .

Tishaq li minkejja dawn il-problemi li kienu qed jaffacjaw bit-tfal, il-vjolenza domestika  kompliet tizdied u minhabba li K kien jiftah qalbu mal-konvenuta dwar il-problemi li kien qed jiffaccja l-iskola kien iktar isawwtu u jtih bic-cintorin. K kien imdejjaq u spicca li kien beda jitkellem mal-guidance teacher u peress li beza' minn missieru kien qal lil din it-t*eacher* li l-konvenuta kienet qed issawwtu u per konsegwenza spiccat li nharget *care order* fuq iz-zewgt itfal. K  kien ingabar mill-iskola u ttiehed fl-istitut ta' St. Patricks, Ghal bidu, K baqa' jinsisti li kienet isawwtu ommu  u ghalhekk kien kuntent bil-kenn li kien sab St.Patrick, izda eventwalment waqt terapija li kellu mal-psikologi tal-Appogg ammetta li l-konvenuta kienet dik il-persuna li dejjem hadet hsiebu u li kien l-attur li kien isawwtu d-dar.

Il-konvenuta tishaq li sabet hafna ghajnuna fis-*social workers* li urewha hafna sapport u wara li harget il-verita' kollha, kienu iffirmaw sabiex K  jerga' jmur id-dar, minkejja li l-attur beda jsib l-iskuzi biex ma jiffirmax.

Il-konvenuta tammetti ukoll li l-istress u l-ansjeta' li ghaddiet minnhom minhabba l-vjolenza domestika wassal sabiex zvillupawlha problemi f'sahhitha u dawn kieu heavy bleeding, kellha l-actu fl-istonku li wassal ghal

ticrita fl-istonku, kif ukoll bdiet tbati minn Atrial Fibrillation (AF) li hija kundizzjoni relatata mal-problemi tal-qalb.[7] Tul dawn il-problemi, l-attur qatt ma ried iwassalha l-isptar u kien jiehu qatgha jekk kienu jergghu jibaghtuha.

Il-konvenuta tghid li minkejja l-vjolenza li giet assoggettata ghaliha, xorta kienet tipprova tikkuntenta lill-attur f'kollox u dan anke meta ma kienx isib problema jammetti maghha li ma kienx jimpurtah minnhom, imma kien biss interessat jidher bhala ragel rispettabbli f'ghajnejn in-nies.

Il-konvenuta ssemmi ukoll diversi episodji fejn l-attur ma kienx juri interess fl-istudji tat-tfal, li t-tnejn kienu tajbin akkademikament. Kien jixghel il-muzika tghajjat apposta.

Tghid li l-attur qatt ma xtara rigali ghat-tfal fil-birthdays, jew precett jew Grizma u kien joggezzjoni li jattendi, hlief biss jekk kien jaf li l-konvneuta kienet organizzat ikla biex jiekol minn fuq daharha. Kellha titlef l-ewwel graduation tat-tifel K u dan minhabba li kien refa' idejh fuqha u kellha heavy bleeding. Kienet mghawwga tnejn ghat-tieni gradwazzjoni, izda kienet marret u ghenuha t-tfal u dan wara li l-attur kien refa' idejh fuqha peress li riedet torganizza ikla wara u kien ghajjarha li hi qziez.

Il-konvenuta tiddeskrivi kif l-attur kellu kontroll assolut id-dar. Ma kienx ihallihom juzaw l-*gyzer* u lanqas il-*washing machine*, tant li meta t-tfal kienu zghar kienet titlob lil ommha tghinha bil-hasil ta' hwejjeg taghhom. Kien jitfi d-dawl tal-kamra tas-sodda fejn kienu joqoghodu hi u CR , tant li kellha taghmel il-*homework*, b'tubu *rechargeable* li kienet xtratilha.

Kien ihammeg it-toilet appositament sabiex il-konvenuta jkollha tnaddaf warajh. Lanqas kellhom ac fil-kamra fejn kienu jorqdu, filwaqt li l-attur kellu, anzi l-unit kien jaghti ghall-gallarija fejn kienu jorqdu u ghalhekk jekk kienu jifthu kienet tidhol is-shana. Tghid ukoll li kien jaghmel dan kollu peress li

---

[7] Dok. P4 u P5i

kien ihallas il-kotnijiet tad-dawl u ilma, l-unika haga li kien jaghmel. Kien anke baghbas is-sistema tal-ilma, tant li kien ikollhom pressjoni baxxa hafna u minn mindu gie zgumbrat mid-dar, illum il-pressjoni giet.

Il-konvenuta tghid li l-ghamara u li kull haga li kien hemm bzonn tinxtara ghad-dar kienet xtrathom hi mis-savings personali li kellha.[8]

Fis-sena 2015, l-attur kien waqaf jahdem ma' Borg & Aquilina minhabba problemi f'daharhu ghax hekk kien qallha. Kien qallha sabiex thallas l-ispejjes li kien peress li ma kienx qed jaql'a paga, izda mbaghad kienet saret taf li kien ghadu jircievi paga u beneficcji mis-sigurta' socjali.[9]

Eventwalment tramite membru tal-familja taghha kien sab impjieg bhala messaggier Mount Carmel u kien hawn li nsistiet li jifthu joint account sabiex il-paga tidhol hemm u jkollhom access ghaliha t-tnejn. Imbaghad beda jitlobha tmur issarraf il-flus sabiex tidher li hi qed tigbidhom.

Minhabba t-theddid kontinwu, il-konvenuta tammetti li l-biza hakitihom u hi u t-tifla spiccaw jorqdu fl-*ispare bedroom* u malli kienu jisimghu lill-attur gej lura kienu jinghalqu hemmhekk. Fl-ahhar lanqas biss kienu juzaw it-toilet ghax kienu jafu li l-attur kien ikun lest ghalihom. Kienu spiccaw lanqas setghu jhallu ikel fil-frigg ghax ma kinux jafdawh.

Wara li omm il-konvenuta kienet mietet, missierha kien ghamel zmien ighix maghhom, izda l-attur ma kienx jittrattah tajjeb u kien goff hafna, tant li kien hemm incident fejn wegghu,[10]

Tilmenta ukoll li ma kienx jiehu hsieb il-manutenzjoni tad-dar, tant li llum tinstab fi stat ta' abbandun.[11]

---

[8] Doks. 07-017
[9] Doks. 007-0013
[10] Doks. Q1 – Q3
[11] Doks. R1 – R17

**Manteniment**

Il-konvenuta qed tinsisti li m'ghandhiex taghti manteniment lill-attur peress li kkommetta adulterju fil-konfront taghha. Skond digriet tal-Qorti gie ordnat ihallas manteniment fis-somma ta' €250 fix-xahar ghaliha.

Tikkonferma li jahdem bhala *courier* Mount Carmel u ghandu paga ta' €900 fix-xahar.

Per konsegwenza tal-vjolenza domestika ssemmi li ghandha diversi problemi ta' sahha li jwasslu sabiex tonfoq diversi spejjes f'medicini[12]Hemm diversi li jinghatw b'xejn mill-Gvern.

Izid tghid li malli jieqaf il-*menstruation cycle* jkollha tiehu l-medicina tal-qalb Eliquis Apixaban ghall-ghomorha, liema medicina tiswa €105.

Il-konvenuta pprezentat diversi spejjes li ghandha u li kienet taghmel permezz ta' affidavit ulterjuri.[13]

**Adulterju**

Il-konvenuta tispjega li ghall-habta ta' Frar/Marzu 2018, bdiet tinduna li l-attur kien johrog kmieni mid-dar ghall-habta tal-5 am u dan meta kien jibda x-xoghol ghal xi 7 am. Kien anke johrog dak il-hin anke meta m a kellux xift.

Bdiet tinduna li kien qed jiffrekwenta lil JG u l-partner taghha RB kien igibhom id-dar u anke jsajjrilhom, meta lilha u lil uliedha lanqas qatt ma ppreparalhom platt.

It-tifla CR dahlet fuq il-Facebook tieghu u peress li ma kienx jaghmel *sign out* indunat li kien qed ikollu relazzjonijiet ma' diversi nisa.[14]

---

[12] Affidavit konvenuta a fol.48
[13] Ara fol. 133-134
[14] Dok. S1-S10

Issemmi ukoll li fl-14 ta' Marzu, 2018 CR kellha *sports day* l-iskola u ma setghetx tattendi minhabba l-*psoriasis* u biex tferraha kienet talbet lill-attur sabiex johorguha u rrifjuta u saret taf minn Facebook li dan kien minhabba li kellu diga' pjanijiet ma' din Josette. Spiccat imbaghad hargitha hi.

Sa Marzu, 2018 kellha suspetti reali li seta' kien hemm relazzjoni u kien ghalhekk li kienet qabdet is-servizzi ta' *private investigator* jismu RT. Dan kien ghaddielha informazzjoni li fid-29 ta' Marzu, 2018 l-attur kien jinstab ma' JG f'karozza f'parti abbandunata ta' H' Attard. Hi u t-tfal kien qabdu l-karozza u marru fuq il-post, li kien vicin ta' Mount Carmel fejn kien jahdem l-attur. Kienet nizlet mill-karozza u mxiet lejhom u malli fethet il-bieb tal-karozza ndunat li kienu intimi ghax is-seats kienu mnizzlin u l-attur kien qieghed fuq G. L-attur kien hareg mill-karozza u beda jtiha u sadanittant, Karl beda jipprova jzommu 'l boghod minnha.

Minn hemm marru jirrapurtawh l-ghassa u meta l-attur irritorna lura d-dar ghall-bidu nnega dan kollu, izda mbaghad ammetta li kien ghamel hekk u li kien haqqha.

L-ghada l-konvenuta, flimkien ma' CR , kienet marret taghmel rapport l-ghassa tal-vjolenza li kienu soffrew taht idejn l-attur u partikolarment, ghall-vjolenza li sehhet bejn it-23 u s-26 ta' Marzu, 2018 u dan fl-istess perjodu meta t-tifla kienet qed taghmel l-O'levels. Dakinhar, il-konvenuta kienet iddecidiet li dan kien ser ikun l-ahhar u kienet ser tipprotegi lilha u lit-tifla.

Id-digriet tad-19 ta' April, 2018, kien dak id-digriet li biddel hajjihtom ghaliex l-attur gie ordnat jizgombra mid-dar matrimonjali u jzomm distanza ta' mhux inqas minn 500 metru mill-istess dar u minnha u t-tfal. Minn dakinhar sabu s-serhan u l-kuntentezza li jghixu gewwa darhom kuntenti.

**<u>Manteniment ta' CR</u>**

Dwar il-manteniment tghid li l-Qorti ordnat li jhallasha s-somma ta' €230 fix-xahar u dan kien fl-20 ta' April, 2018. Apparti minn hekk hemm hafna spejjes medici peress li tbati minn *psoriasis, l-asthma u chronic back pain*. Il-konvenuta pprezentat lista tad-diversi spejjes.[15]

**Komunjoni tal-akkwisti**

Il-konvenuta semmiet li bhala assi hemm id-dar matrimonjali Blokk D3, Flat 6, Government Housing Estate, Triq il-Kultelazz, Mosta li hija proprjeta' tal-Gvern.

Inxtraw diversi vetturi fiz-zwieg, u l-karozza li qed juza l-attur fil-prezent huwa Toyota Corolla li nxtrat fl-2005 u kienet hallset parti mil-loan peress li insista maghha l-attur u kienet tibza minnhu.

Dwar l-ghamara tad-dar, tikkonferma li dawn xtrathom kollha hi minn flusha jew ghejnunha l-genituri taghha.

3. **K B** , bin il-partijiet jixhed dwar il-problemi familjari li kellhom fi tfulitu. Kien hemm problemi finanzjarji peress li l-konvenuta ma kinitx tahdem, filwaqt li l-attur kien, izda ma kienx jikkontribwixxi ghall-bzonnijiet tal-familja. Kienu jghinuhom in-nanniet materni. Ighid li ma kienux jieklu ikel bnin u lanqas ikel baziku.

Ighid li meta sar maggorenni kien sab impjieg biex seta' jixtri ikel baziku u jikkonferma ukoll li l-istudji tieghu barra minn Malta kien iffinanzjahom hu stess.

Ighid li l-attur kien jispicca jonfoq il-flus fuq affarijiet relatati mal-muzika.

4. **CR B** bint il-partijiet xehdet dwar l-abbuz li soffriet hi flimkien ma' ommha taht idejn missierha l-attur. Xehdet ukoll dwar is-sitwazzjoni familjari fejn kien hemm hafna biza' mill-attur u kien xhih maghhom, tant li ma kienx

---

[15] Affidavit tal-konvenuta a fol. 49

ihallilha dawl biex taghmel il-*homework* jew ihallihom jixghelu l-*gyzer* sabiex tinhasel, izda kien jixghelu ghalih biss.

Kien anke jixtri ikel ghalih, tant li spiccaw hi u ommha jinghalqu fil-kamra biex jieklu u jhallhu addirittura ikel fil-kamra. Kienu spiccaw jaghmlu hekk ghaliex kien isawwatha anke waqt li tkun qed tiekol.

Tistqarr li l-attur ma kienx irid lill-konvenuta tuza l-washing machine u kienet tispicca tahsel il-hwejjeg b'idejha u kien iridhom nodfa. Tghid ukoll li minkejja li l -attur kien jaf li kienet tbati sew bl-asthma ma kien jaghti kaz u kien juza' hafna fwieha. L-attur kien jirrifjuta li jakkumpanjaha u anke kien imur ghand l-Agenzija Appogg li kienu joffru servizzi b'xejn.

Isemmi ukoll li missierha kien ihobb idoqq il-muzika tghajjat, tant li kien ikollhom problemi sabiex jistudjaw. Jekk il-konvenuta kienet tmur tkellmu biex ibaxxilu kienet taqla s-swat.

Il-paga tieghu tghid li kien izommha ghaliha u filwaqt li lilhom kien ihallihom nieqsa, kien jixtri hwejjeg  u zraben tad-ditta u meta darba l-konvenuta kienet talbitu sabiex jixtri par zarbun ghall-iskola kien gieghlha thallsu ghalih.

Tikkonferma ukoll li minhabba l-ansjeta' u l-istress li kienu ghaddejjin minnu, l-*asthma* u l-*psoriasis* taghha kienu zdiedu, filwaqt lill-konvenuta kienet zvillupatilha kundizzjoni tal-qalb imsejjha AF. L-attur ma tantx kien jissapportajaha u lanqas kien jiddenja ruhu jwassalha l-isptar. Fil-fatt kienu gieli jghinuhom hbieb tal-konvenuta. L-ewwel darba li kellha dina l-problema kien fil-31 ta' Dicembru, 2015, meta l-attur kien sawwat lill-konvenuta u kien biddel l-atteggjament maghhom ghax il-konvenuta kienet heddidtu li kienet ser tmur tirrappurtah. Kien baqa' maghhom l-isptar, izda mhux ghax kien jimpurtah, izda peress li kien ried jaccerta ruhu li l-konvenuta ma tirrapurtahx. Tispjega li riedu jzommu lil ommha l-isptar ghall-osservazzjoni u minhabba li bezghat li tispicca

wahedha mal-attur id-dar, il-konvenuta iffirmat u harget mill-isptar biex toqghod maghha.

Issemmi ukoll id-diversi drabi li kien hemm vjolenza u swat mill-attur kemm fuq il-konvenuta, kif ukoll fuqha, tant li l-konvenuta kellha problemi bi snienha minhabba s-swat li qalghet. Kien iheddihom hafna, tant li anke biex ghamlet l-O'levels kienet riedet lil ommha tistenniha sakemm tispicca. Bil-gbid tax-xaghar spiccat ommha kellha *hair loss.*

Tispjega li kienet saret taf li kien hemm hafna hbiberija zejda bejn l-attur u Josette Grima. Kien ighaddi hafna hin maghha u mal-partner taghha Raymond Borg, izda ma' Josette kien hemm hafna kunfidenzji u dan saret tafu mid-diversi messaggi li kienu jibghatu lil xulxin.

Tixhed dwar is-swat u theddid bil-mus li sar bejn il-perjodu 23 sas-26 ta' Marzu, 2018 u tant kienu qalghu swat li fil-25 ta' Marzu, 2018, li kienu spiccaw l-isptar kemm ghax il-konvenuta kellha pressjoni gholja, palpitations, kif ukoll ugigh f 'sidirha. Hi minflok kellha ugigh ta' ras u kienet thossha storduta.

Minn dakinhar kienu jibzghu hafna u bil-kemm kienu johorogu mill-kamra tas-sodda .

Tispjega li fid-29 ta' Marzu, 2018, wara li l-konvenuta kienet qabdet private investigator, kienu marru mieghu, flimkien ma' huha Karl, fil-parkegg ta' Mount Carmel, f'parti mwarrba f' H' Attard, fejn kienu sabuh fil-karozza bis-seats imnizzlin, flimkien ma' Josette Grima. Kienet inqalghet xenata u wara kienu marru jaghmlu rapport l-ghassa ta' B'Kara. Meta mar lura d-dar, l-attur innega ghall-bidu li kien f'relazzjoni ma' G, imbaghad ammetta u qal lill-konvenuta li kien haqqha. Minn hawn il-konvenuta kienet infurmat lill-attur li riedet separazzjoni.

FId-19 ta' April, 2018, l-attur gie ordnat mill-Qorti sabiex jizgombra mid-dar matrimonjali u kellu ukoll izomm boghod ta' 500 metru. Minn dakinhar il-biza' naqset sew u tghid li anke sahhet ommha kienet qalbet ghall-ahjar.

Tghid li l-attur kien ha xi oggetti mid-dar, meta gie ordnat jitlaq mid-dar, inkluz ammont ta' flus li kien izomm go kaxxa hamra.

Tispjega kif fil-28 ta' Mejju, 2018 kienu rritornaw l-affarijiet tal-Go peress li kienet waqqfet is-servizz ghax dan kien f'isem l-attur.

Tishaq li llum tinstab kuntenta u tirringrazzja lil ommha li dejjem iddefenditha u hadet hsiebha.

4. **Doris Vella Cassia**, in rapprezentanza ta' Mater Dei Hospital ipprezentat il-file mediku tal-konvenuta u zewg files medici tal-minuri CRB .[16]

5. **DB , TB , RB u CB** , hut l-attur ilkoll jikkonfermaw li l-konvenuta kienet dahket bihom, ghaliex maghhom kienet tfahhar lill-attur u kienet tmur tajjeb maghhom, minkejja li ma kinitx tattendi ghall-attivitajiet tal-familja taghhom. DB tghid li kienet tinduna li l-konvenuta ma kinitx genwina. Tghid li huha kien jibza' minnha. Tghid li gieli hasslet il-hwejjeg u anke sajjret ghal huha.

Jikkonfermaw li kien hemm problemi meta saru jafu li kienu qed jorqdu separati. DB tghid li kien l-attur li kien qallha b'dan. TB tghid li kienet indunat peress li CR gieli semmiet li kienet torqod m'ommha.Tghid ukoll li ma kinitx indunat li huha u martu kienu nieqsa minn xi affarijiet u li l-konvenuta qatt ma qaltilha li kienet imsawwta. B izzid tghid ukoll li l-konvenuta kienet dejjem tfahharhom u qatt ma kienu raw ghajn hazina minghandha u lanqas kienet tghidilhom kontra huhom.

[16] Doks. DVC 1 – DVC 2

Jinnegaw l-allegazzjonijiet tal-konvenuta fil-konfront ta' huhom li kien vjolenti maghha u mat-tfal. Anzi jghidu li huwa persuna biezel u rizervat li kien jahdem ghall-familja. Carmel Buhagiar ighid li l-attur kien ighidlu li kellu jahdem hafna peress li kellu jhallas ghall-ingwent tat-tifla li kien iqum il-flus.

**AT** , oht l-attur tghid li kienet tiffrekwenta lill-partijiet, specjalment il-Hadd filghodu. Tikkonferma li l-attur kien ammetta maghha li kellu problemi mal-konvenuta. Fil-fatt kien raqad ghandha peress li kien qed jibza' jmur id-dar peress li qalilha li l-konvenuta kellha sikkina taht l-imhadda. Kien qallha ukoll li l-konvenuta ma kinitx qed torqod mieghu.

6. **L u RB** koppja li jafu lill-attur sew ghax L kien jahdem mieghu. Ighid li jaf lill-attur bhala persuna li dejjem hadem ghall-familja u kien ighin lill-konvenuta. Kien jarahom bhala koppja li kienu jinhabbu. Jaf li l-attur kien anke jahdem *part-time* sabiex jipprovdi ghall-familja.

Imbaghad ftit ftit beda jiftah qalbu mieghu u ma' martu u kien jilmenta li l-konvenuta kienet torqod ghar-rasha u kien jispicca jrid isajjar wara gurnata xoghol u kien ghalhekk li gieli martu kienet tlestilu xi haga tal-ikel. Ighidu li kienu hargu xi darbtejn bhala koppja u l-konvenuta kienet tfahhar lilll-attur u kienu ghalhekk sorprizi meta saru jafu li kienet akkuzatu li kien vjolenti maghha. Saru jafu kollox wara li bdiet il-kawza.

Ighidu li l-konvenuta kienet wirtet xi flus minghand ommha u kien ghalhekk li ma kellhiex bzonn lill-attur izjed.

8.**Dr. CG** , in-neputija tal-konvenut tispjega li fiz-zmien li l-konvenuta kienet ser twelled lil CR t-tifel Kmar ighix maghhom u meta wasal iz-zmien sabiex imur lura d-dar kien imdejjaq u mbezza' u ma ntebhux dak iz-zmien li kien minhabba s-swat ta' missieru. Kienet hasbet li kien minhabba li kien ghadu mmatur.

Tikkonferma ukoll li kienet inharget care order fuq iz-zewg ulied tal-partijiet u l-konvenuta kienet imbikkma hafna peress li bhala familja qatt ma kienu ghaddew minn dawn l-affarijiet u fuq kollox it-tifla CR kienet ghadha zghira u kellha bzonn lil ommha.

Ommha kienet imbaghad waslet f'arrangjament mal-haddiema socjali nkarigati mill-kaz sabiex il-konvenuta u t-tifla CR jibqghu jirrisjedu maghha. Minkejja li kienet ghadha minuri kienet tara lill-konvenuta tibki u kienet tithassarha.

Izid tghid li peress li damet tghix maghhom ghal xi xahar, kienet bdiet tiftah qalbha maghhom u kienet tkellmet dwar il-vjolenza tal-attur u eventwalment saret taf ukoll li l-care orders kienu hargu minhabba l-vjolenza tal-attur, tant li kien l-istess tifel K li kien irrapurtah.

Peress li llum hija avukata, il-konvenuta kienet marret ghandha u qaltilha li kienet ilha ghal zmien twil issoffri vjolenza u infedelta' da parti tal-attur u minn hawn li seta' tifhem dak kollu li kienet ghaddiet minnu zijitha.

8. **Dorianne Fava**, social worker fid-Domestic Violence Unit tal-Appogg ikkonfermat li kienet issegwi lill-konvenuta minhabba li allegat li kienet issofri vjolenza minn zewgha f'forma ta' swat u abbuz emozzjonali. Dan kien fis-sena 2000, fis-sena 2006 sal-2012 u mit-2015 sallum. Qaltilha li s-swat beda mill-honeymoon u mbaghad eskala. Kienet qaltilha ukoll li kienet batiet minn abbuz emozzjonali li kienet fil-forma ta' kontroll illi ma kienx jaghtiha flus u kien iheddidha u ighajjarha l-iktar bil-familja taghha ghax kienu jghinuha.

   Kompliet tispjega li kien hemm tlett granet konsekuttivi t-23, 25 u s-26 ta' Marzu, 2018 fejn l-attur kien sawwat lill-konvenuta u lit-tifla. Tikkonferma li ma kellhiex kuntatt dirett mat-tifla, pero' kellha monitoring tramite

kuntatt mal-konvenut. Tikkonferma ukoll li kienet ratilha saqajha nfaxxati, wara li kienu marru l-isptar.

Izid tghid li l-konvenuta zvillupat kundizzjoni li jghidulha AF fejn ikun hemm irregolaritajiet fil-qalb li jistghu jwasslu ghall-stroke u dan minhabba l-biza' u l-ansjeta' li kellha. L-iktar glied li kien ikollhom kien minhabba l-flus peress li kien jaghtiha ftit wisq.

Tghid li l-konvenuta kienet korriet xi tlett darbiet u kienet tinqabad tqila wara li l-attur kien jisforza ruhu sesswalment fuqha. Imbaghad kienet tkorri minhabba l-iswat. Tghid li kien ikollha infezzjonijiet minhabba r-relazzjonijiet intimi u dan waqqfu meta waqqfu r-relazzjonijiet.

Tispjega li kienet tinkwieta hafna fuq il-konvenuta u kienet taghmel hafna *safety planning*, inkluz shelter u dan ghaliex il-konvenuta ma kinitx ippreparata u di piu' kellha t-tifla li kienet tbati minn *psoriasis* u ghalhekk kellha bzonn hafna attenzjoni. Kienu anke jghinuha bix-xirjiet tal-ikel, kienu anke tawha vouchers ghax-xirjiet tal-ikel.

Ir-*risk factors* tispjega kienu ta' swat kontinwu u theddid serju. Illum ghadha ssegwi lill-konvenuta tal-anqas darba fil-gimgha. Tikkonferma li l-attur gie zgumbrat mid-dar matrimonjali u hemm ordni ta' protezzjoni.

**1st SM 222 John Mary Camilleri** mill-Ufficcju tal-Kondotti tal-Pulizija pprezenta l-fedina penali tal-attur. [17]

9. **Surgent Suzanne Mifsud** ipprezentat kopja tar-rapport li hejjiet in konnessjoni mal-partijiet.[18]

[17] Dok. JMC
[18] Dok. SM

10.**Stephen Cachia**, in rapprezentanza ta' Transport Malta, ipprezenta dokumenti rigward vetturi rregistrati f'isem l-attur[19] u informazzjoni dwar dawk li kienu rregistrati fil-passat.[20] Jirrizulta ukoll li qatt ma kien hemm vetturi rregistrati fuq il-konvenuta.

11. **RA** kien gar tal-partijiet u ilu jafhom ghal dawn l-ahhar tletin sena. Ighid li l-attur kien qallu li ma kienx qed jigi ttrattat sew minn martu ghaliex ma kinitx isajjarlu u ma taghtix kasu. L-istess huwa kkonfermat minn martu MA.

Jikkonferma li l-attur kien mar ghandu wara li sar jaf li kienet harget il-*care order* fil-konfront tat-tifel K u minn dak li jaf, it-tifel ma kienx qed igib ruhu sew fil-klassi u kien qal lit-tfal li ommu ma kinitx qed titrattahom tajjeb. Dan huwa kkonfermat minn martu MA. Dina tal-ahhar tghid li zewgha kien surgent u ghalhekk ghinhom biex jiehdu lit-tfal lura.

Ighid ukoll li dejjem jaf lill-attur jahdem, anzi kellu iktar minn impjieg wiehed. Jinnega li l-attur qatt qallu li kellu relazzjonijiet ma' nisa ohra barra miz-zwieg.

12.**RA** habiba antika tal-konvenuta, tghid li hija omm dedikata u mn'alla kienet hi li t-tfal komplew jistudjaw, ghax kienet tiehu l-edukazzjoni taghhom bis-serjeta'. Tghid li hija persuna genwina.

Tispjega li peress li kienet tiffrekwenta d-dar tal-konvenuta ta' spiss kienet tinduna li kien hemm nuqqasijiet ta' ikel fil-frigg u anke fil-cupboards u l-istess konvenuta kienet ammettiet maghha li l-attur kien ihalliha nieqsa mill-flus u kienu jghinuha l-genituri taghha. Izid tghid ukoll li kienet gieli

[19] Dok. SC1
[20] Dok. SC 2

tixtrilha xi ikel sabiex tkun mohha mistrieh li kien hemm ikel ghat-tfal. Kienet anke marret tghin lill-konvenuta tnaddaf id-dar meta ma setghetx taghmel hekk.

Tikkonferma li l-konvenuta kienet tkellmet quddiemha u l-hbieb taghhom CF u MB li subbiet vjolenza taht idejn l-attur. Kienet taf bil-problemi li l-konvenuta kellha fis-snien minhabba li ma kinux b'sahhithom minhabba s-swat li kienet qalghet.

Kienet indunat li t-tifla CR kienet affettwata hafna minhabba l-vjolenza li rat.

F'April, 2018 il-Qorti kienet harget ordni ta' zgumbrament fil-konfront tal-attur, izda tghid li l-konvenuta u t-tifla CR ghadhom jibzghu sallum. Kienet anke takkumpanjahom il-Qorti bhala sapport. Illum taf li takkumpanjahom il-care worker tal-Agenzija Appogg.

Minhabba l-vjolenza u swat tikkonferma li l-konvenuta bdiet tbati minn kundizzjoni li tissejjah AF,, filwaqt li CR kienet tbati minn *asthma* u psoriasis.

13. **Joseph Saliba**, in rapprezentanza ta' Jobs Plus ipprezenta l-employment history tal-partijiet rispettivament.[21]

14. **MD F** , hija habiba tal-konvenuta u saru jafu lil xulxin fil-prayer group li kienu jattendu Prayer Group Paci u Sliema. Kienet tgginha hafna, partikolarment wara li ghamlet l-operazzjoni. Kienet anke tghinha billi twasslilha lit-tifel l-iskola u anke l-Muzew. Kienet tinnota spiss li l-konvenuta kienet imdejjqa u kienet batuta finanzjarjament.

[21] Dok. JS1 – JS 2

Tikkonferma li l-konvenuta kienet omm dedikata u llum tinstab kuntenta tghix ma' bintha CR minhabba li l-attur gie zgumbrat mid-dar matrimonjali.

L-istess gie kkonfermat mill-habiba taghha GC u l-habiba CA ikkonfermaw li l-konvenuta kienet qaltilha li kellha problemi familjari. L-istess gie kkonfermat mill-habiba taghha AD u PC .

15. **GV** ukoll habiba tal-konvenuta ikkonfermat li kienet taf bis-sitwazzjoni tal-konvenuta u bintha u kienet tafha bhala omm dedikata u dejjem prezenti ghall-uliedha.

16. **Reverend Father AZ** kkonferma li huwa Rettur taz-zona pastorali ta' Ta' Mlit hu li bejn is-sena 2012 u 2015, bint il-partijiet C R kienet tattendi l-muzew fic-Centru ta' Mlit u kien gie nfurmat li kien hemm problemi familjari ta' natura socjali u finanzjarja. Kien induna li dawn il-problemi kienu rrizultat tal-imgieba tal-minuri dak iz-zmien.

17. **Dun BG** kien Rettur taz-Zona ta' Mlit bejn Gunju 2009 u Settembru 2012 u jikkonferma li kien jaf lill-konvenuta u li kienet qaltlu li l-hajja matrimonjali taghha ma kinitx wahda felici. Seta' jikkonferma li kien hemm problemi finanzjarji u kien hemm problemi ta' imgieba fuq livell verbali u psikologiku pero' ma setax jikkonferma jekk kienx hemm fuq livell fiziku.

Ikkonferma ukoll li l-konvenuta kienet tinkwieta li ma kienx ikollha flus biex tixtri krema li kellha bzon ghat-tifla peress li kellha problema fil-gilda li kienet ghalja u dan seta' jikkonfermah peress li kien jixtri l-istess krema.

Minn dak li kien jara l-konvenuta kienet tiehu hsieb it-tfal u kienet anke omm iddedikata.

18. **Dr. Bryony Balzia Bartolo**, in rapprezentanza tal-Awtorita' tad-Djar ikkonfermat li l-kuntratt ta' kiri li sar fis-sena 1991, in konnessjoni mad-dar Blokk D 3, Flat 6, Housing Estate, Triq il-Kultellazz, Mosta kien f'isem l-attur u dan peress li dak iz-zmien kien jidher il-*highest earner.*[22] Ikkonfermat li mis-sena 2010 jirrizulta li kienu jghixu erba' minn nies fid-dar.

19. **Saviour Theuma**, in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali pprezenta informazzjoni dwar beneficcji socjali li rcevew il-partijiet.[23]

    Jikkonferma ukoll li l-konvenuta kienet tircievi c-children's allowance u fis-sena 2002 kienet hadet il-maternity.

20. **ND** jikkonferma li kien kollega tal-attur ghal xi ghaxar snin u dejjem jafu bhala persuna biezla. Dwar il-konvenuta jghid li kien iltaqa' maghha darbtejn. Ma setax jikkummenta fuq affarijiet personali tal-attur ghax ma kienx jafhom.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

**<u>Responsabbilita'</u>**

L-attur jattribwixxi l-htija ghas-separazzjoni lill-konvenuta minhabba l-abbandun, filwaqt li jirribatti l-htija li tattribwilu l-konvenuta u cioe' l-vjolenza domestika, kif ukoll l-infedelta'.

Dwar l-abbandun, dina l-Qorti ezaminat is-sottomissjonijiet tal-attur u l-fatt li l-konvenuta marret torqod flimkien mat-tifla CR huwa abbandun.

[22] Dok. BD
[23] Doks. ST1 – ST 2

Biex jigi ppruvat l-abbandun iridu jkunu ghaddew sentejn, kif ukoll li jrid ikun ingustifikabbli. In primis, il-konvenuta qatt ma telqet mid-dar fizikament, tieni nett jekk abbandunat lil zewgha intimament u ppreferit li tmur tghix msakkra fil-kamra tas-sodda ma' bintha, dan ghamlitu sabiex tipprotegi lilha u lil bintha. Dan zgur mhx abbandun ! Ghalhekk dan l-estrem fil-konfront tal-konvenut ma jreggix.

Minn nahan l-ohra, il-konvenuta xehdet fit-tul u tat kwazi rendikont dettaljat tal-hajja mizzewwga prattikament gurnata b'gurnata. Fl-affidavit taghha tati deskrizzjonijijet vividi tal-abbuz li soffriet taht idejn l-attur, flimkien ma' uliedha. Hafna mill-verzjonijiet huma kkorroborati minn bint il-partijiet CR. Huwa haga tal-iskantament li binhom Karl isemmi li kien hemm hafna problemi relatati mal-finanzi, pero' jissokkta jitkellem dwar swat.

L-attur jipprova jirribatti l-allegazzjonijiet ta' swat u vjolenza domestika attribwiti lilu peress li ma sarux rapporti u lanqas tressaq quddiem il-Qorti akkuzati b'tali atti.

Il-Qorti tirrileva li huwa fatt maghruf li hafna drabi mhux facli ghal vittma ta' vjolenza domestika li tirreagixxi immedjatament u tkun *in denial*. Tkun mahkuma minn biza minhabba t-theddid kontinwu u jekk taghmel pass zbaljat tispicca li tigi assoggettata ghall-iktar swat.

Ghalhekk tifhem li ma kinitx triq facli ghall-konvenuta, li minflok tirrapporta ghazlet li tghix, certament lejn it-tmiem tal-hajja mizzewwga taghhom, qisha go habs maghluqa fil-kamra tas-sodda ma' CR u jieklu u jorqdu hemmhekk.

Dorianne Fava , mid-Dipartiment tal-Vjolenza Domestika, li ghadha ssegwi l-konvenuta sallum ikkonfermat li meta kienet marret tkellimha l-

ewwel darba l-konvenuta kien minhabba abbuz fiziku, emozzjonali u anke finanzjarju. Ziedet tghid ukoll li peress li l-attur kien ihallihom nieqsa hafna, kienu jippruvaw ighinuhom billi jaghmlulhom ix-xiri, kif ukoll kienu taw laptop lil CR .

Fr. BG irrikonoxxa ukoll li kien hemm problemi fil-familja u minkejja ma kkonfermax jekk kienx hemm problemi ta' abbuz fiziku, certament kien hemm dak emozzjonali u finanzjarju.

Dr.C G li hija n-neputija tal-konvenuta kkonfermat ukoll li l-konvenuta kienet fethet qalbha maghha meta bdew il-proceduri dwar l-abbuz li kienet soffriet, kemm fiziku u dak emozzjonali.

Minkejja li certament, il-partijiet ma jixtiequx jitkellmu dwaru u fil-fatt hadd minnhom ma semmih fis-sottomissjonijiet taghhom, il-*care order* li hareg fil-konfront tat-tfal hija rilevanti.

Hemm verzjonijiet kontrastanti mill-partijiet, ghaliex il-konvenuta ssemmi li K kien imdejjaq hafna mis-swat li kien jara u l-hajja familjari taghhom, tant li kien fetah qalbu mal-guidance counsellor. Skond il-konvenuta kien akkuza lilha tal-iswat ghax beza' minn missieru. L-attur ighid li s-social workers kienu akkuzawh li minhabba l-attitudni tieghu mal-konvenuta, kienet qed tispicca tizvoga ma' K.

Li hu cert hu li l-*care order* gie rrevokat u dan meta skond il-konvenuta s-social workers kienu konvinti li kienet genwina fil-laqghat li kellhom, tant li kkooperaw maghha sabiex it-tfal jergghu jmorru lura maghhom. Il-*care order* per se huwa prova li kien hemm xi forma ta' mohqrija fuq it-tfal, ghax rarament kieku kienet tohrog ordni ta' tali gravita'. Pero' ciononostante, huwa ukoll rari li l-istess care order jigi rrevokat u ghaldaqstant, il-verzjoni tal-konvenuta hija iktar kredibbli.

L-incidenti li sehhew bejn it-23 – 25 ta' Marzu, 2018 huma kkorroborati kemm mill-konvenuta, CR , kif ukoll mis-social worker Dorianne Fava li kkonfermat ukoll li f'dak il-perjodu kienet rat is-sieq tal-konvenuta kollha ffaxxata.

Oltre minn hekk diversi hbieb tal-konvenuta kkonfermaw li eventwalment il-konvenuta kienet fethet qalbha maghhom dwar il-vjolenza, pero' lkoll kienu konsapevoli li kellha problemi finanzjarji peress li l-attur ma kienx itiha flus u kien ihallihom nieqsa mill-ikel. Il-Qorti taccenna ukoll ghall-fatt li l-konvenuta kienet hassret l-gherusija tlett darbiet minhabba l-atteggjament tal-attur u anke jekk ma riditux, ommha xorta kienet thallih jidhol id-dar taghhom u kienet taghtih jiekol u kienet tithassru u spiccaw regghu rrangaw.

Sahhet il-konvenuta li tbati minn *heavy bleeding*, il-kundizzjoni tal-qalb maghrufa bhala AF gie kkonfermat li huma lkoll relatati ma' stress qawwi. Indikazzjoni cara li li kien hemm xi forma ta' abbuz li kienet qed isoffri minnu l-konvenuta. Hi ukoll tattribwixxi l-korrimenti li kellha minhabba s-swat li kienet taqla'. L-attur ma nnegax li l-konvenuta ghandha dawn il-kundizzjonijiet.

Oltre minn hekk, wara l-incidenti li sehhew bejn it-23 u 25 ta' Marzu, 2018, l-Qorti b'digriet taghha tad-19 ta' April, 2018 kienet ordnat l-izgumbrament tal-attur mid-dar matrimonjali u ordnat ukoll li jzomm distanza sa mhux inqas minn 500 metru mill-imsemmija dar u minn kull fejn ikunu jinstabu l-konvenuta u CR.

In tema legali fir-rigward ta' separazzjoni personali gie ritenut illi:-

***"Il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar wahda, li inevitabilment twassal ghal firda personali, anke ghaliex, kif inghad,***

***"huwa ferm difficli li tigi superata minn min ikun halla lilu nnifsu jintrikeb."***[24]

Dejjem fuq it-tema tal-vjolenza domestika gie ddikjarat mill-Qorti tal-Appell illi:-

***"Din il-Qorti filwaqt li tqis kull xorta ta' vjolenza, fizika jew morali, hi eelement li jitfa' piz kbir ta' responsabbilita' fuq min ikun jigi provat li kien hati li kkommetih, tifhem li l-grad ta' vjolenza seta' mbaghad ikun fattur determinant biex ir-responsabbilita' tat-tifrik taz-zwieg tigi esklussivament addebitata lil dik il-parti. U meta l-vjolenza u l-aggressjoni tkun tidher mill-atti illi tkun saret mod ta' hajja tant li tkun riflessa fil-karattru tal-persuna, ftit jibqghu difizi li jistghu jingiebu b'gustifikazzjoni ghal tali agir."***[25]

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet suesposti jirrizulta li hemm provi sufficjenti sabiex il-verzjoni tal-konvenuta tirrizulta bhala dik l-iktar kredibbli u ghalhekk l-attur ghandu jinzamm responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg minhabba vjolenza fizika u morali.

**<u>Adulterju</u>**

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Rose Gauci vs Salvatore Gauci"** (P.A. (RCP) 1 ta' Ottubru 2002 - Cit Nru:1365/1997/RCP) fejn din il-Qorti kif presjeduta rriteniet li:-

***"… l-artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid illi "Kull parti mizzewga tista' titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra". Illi kif tajjeb osservat din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-16 ta' April 1953 fil-kawza fl-ismijiet "Rita Spiteri vs Avukat Dr. Albert***

[24] Joanne Tabone pro.et.noe. vs Jesmond Tabone Prim'Awla 03.10.2003
[25] Doris Mizzi vs Mario Mizzi – Appell – 19.05.2000

***V. Grech et noe". (P.A. (C.C.) Kollez. XXXVII.II.693) l-adulterju "hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza sseparazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni legislattiva li tillimita dina l-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizji u prezunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi***

***u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika". ("Rosina Micallef vs Angelo Micallef" Prim'Awla Deciza -27 ta' Gunju 1964)".***

Il-konvenuta xehdet li l-attur kien jikkomunika ma' diversi nisa fuq Facebook u kienu jitkellmu fuq affariijiet intimi, tant hu hekk li CRkienet sabet il-Facebook tieghu miftuh u kienet sabet dawn il-messaggi li gew esebiti fl-atti tal-dina l-kawza u jirrizulta lil dina l-Qorti li l-messaggi zgur ma kinux innocenti.

Tressqu provi sufficjenti li l-attur beda relazzjoni ma' JG u dan wara li l-konvenuta kienet qabdet *private investigator* li kien infurmaha li l-attur kien jinstab maghha go vettura f'post imwarrab f'H'Attard vicin Mount Carmel fejn kien jahdem l-attur. Il-konvenuta kienet sabitu *in flagrante*, flimkien ma' uliedha u spiccaw gew fl-idejn u kellu jintervjeni K, li dakinhar kien prezenti.

L-attur jinnega li sawwat lill-konvenuta dakinhar, izda jghid li kien biss ipprova jgieghel lil K ma jiehux ritratti. Spiccaw li kellhom jintervjenu l-pulizija dakinhar minkejja li l-attur baqa' jinnega ghal bidu, imbaghad ammetta mal-konvenuta li kien haqqha li ghamilha hekk, minkejja li fis-sottomissjoniiet tieghu jghid li dina kienet biss hbiberija platonika.

Madanakollu, il-konvenuta pprezentat diversi *chats* li saru fuq Messenger bejn l-attur u JG , fejn jidher b'mod lampanti li kien hemm certi kunfidenzi zejda li inevitabbilment iwasslu biex jikkonvincu lil dina l-Qorti li kien hemm relazzjoni bejniethom, flimkien mal-fatt li kien beda johrog kmieni hafna, meta ma kienx jibda x-xoghol qabel is-7.30 pm, kif ukoll kien jiffrekwenta lil G u l-partner taghha u kien igibhom id-dar , isajjrilhom u jara films fis-sodda maghhom.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti tikkonferma li l-attur huwa hati tas-separazzjoni minhabba li hemm prezunzjonijiet u indizi gravi li jwasslu ghall-prova tal-adulterju tieghu ma' J G.

**<u>Manteniment ghall-attrici</u>**

Illi b'digriet tal-20 ta' April, 2018, il-Qorti ordnat lill-attur sabiex ihallas manteniment ghall-konvenuta fis-somma ta' €250 fix-xahar, kif ukoll €230 fix-xahar ghall-minuri (dak iz-zmien) CR li jizdiedu kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja.

L-attur qed jinsisti li ma hemm xejn x'jipprekludi lill-konvenuta milli terga' tohrog tahdem u dan iktar u iktar meta llum it-tfal kibru. Jinsisti li ghandu jibqa' jhallas il-manteniment kif ordnat minn dina l-Qorti fid-digriet fuq imsemmi.

Il-konvenuta rrilevat illi ghandha hafna spejjes medici bhala rizultat tal-vjolenza domestika li giet assoggettata ghaliha tul il-hajja matrimonjali. Gie kkonfermat illi fil-fatt ghandha problemi f'qalbha u tbati minn kundizzjoni maghrufa bhala AF u dan minhabba l-istress u ansjeta' li ghaddiet minnu.

Il-konvenuta qed tippretendi ukoll li gialadarba l-attur jibda jircievi l-pensjoni, tiehu nofs l-istess u wara li CR taghlaq 23 sena l-manteniment taghha jizdied ghal €450 fix-xahar.

Mill-assjem tal-provi jirrizulta li l-konvenuta ilha tbati minn kundizzjoni tal-AF f'qalbha u kuntrarjament minn dak allegat mill-attur, kollox jindika li dina l-kundizzjoni rrizultat minhabba l-istress u l-ansjeta' li kienet tghix fiha. Certament, kundizzjoni ta' dina l-kwalita' mhix idejali ghall-konvenuta, peress li kwalsiasi tip ta' impjieg jista' jkun stressanti.

Ghaldaqstant mir-rizultanzi processwali u ghar-ragunijiet suesposti, il-Qorti hija konvinta li l-konvenuta mhix f' qaghda li tahdem. Inoltre, skond l-Artikolu 54(2) tal-Kodici Civili ***jikkontempla illi « L-ammont tal-manteniment imsemmi fis-subartikolu (1), kif ukoll il-manteniment dovut lill-ulied f'każ ta' firda, jiġi stabbilit billi jitqiesu l-mezzi tal-miżżewġin, il-ħila tagħhom li jaħdmu u l-bżonnijiet tagħhom, u għandhom jitqiesu wkoll iċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tal-miżżewġin u tal-ulied … «***

L-attur jipprova jiggustifika li mhux f'posizzjoni li jikkontribwixxi, hlief dak il-manteniment li gie ordnat mill-Qorti, peress li anke hu jbati minn **« worsening gait disturbance »** kif ukoll **« severe spastic parapereses »** izda minkejja dan xorta wahda johrog jahdem. Dawn huma kundizzjonijiet li maz-zmien jaffettwaw il-mobilita' .

Jirrizulta li llum l-attur jahdem fuq bazi *full-time indefinite* ma' specialist Group Cleaners Ltd u ghalhekk ghandu introjtu u dejjem hadem, anzi kellu izjed minn impjieg wiehed.

Indubbjament, il-konvenuta ghandha ammont sostanzjali ta' spejjes medici, kif jirrizulta mid-diversi prospetti li pprezentat.[26]

[26] Dok.MV1, AJ3, fol.478, Dok. ML1 a fol. 133 tal-process.

Ghalhekk fuq bilanc, il-posizzjoni tal-konvenuta hija iktar prekarja minn tal-attur u l-bzonnijiet taghha certament jeccedu dawk tal-attur.

Il-Qorti ghalhekk tordna li l-ammont ta' manteniment ghall-konvenuta ghandu jizdied ghal €300 fix-xahar u meta CR taghlaq 23 sena, dan ghandu jizdied ghal €400 fix-xahar.

Meta l-attur jircievi l-pensjoni, il-konvenuta ghandha tircievi nofs dina l-pensjoni liema ammont ghandu jinqata' direttament mill-istess somma li tithallas lill-attur.

**Manteniment ghal CR**

CR illum hija maggorenni u qiedgha tistudja fuq bazi full-time l-Universita' ta' Malta. Mill-assjem tal-provi jirrizulta ukoll li minn ckunitha, CR kienet tbati minn *psoriasis* u l-*asthma,* fejn il-medicini li ghandha bzonn jirrikjedu diversi spejjes, partikolarment il-krema ghall-*psoriasis*, li l-istess Fr B G ikkonferma li kien jaf li kienet ghalja peress li kien juzaha huwa stess.

Fil-fatt, il-konvenuta pproduciet prospett sabiex tikkwantifika l-ispejjes medici, li fix-xahar jammontaw ghal cirka €618.44.[27]

Prezentement l-attur qed ighaddi s-somma ta' €230 fix-xahar .L-**Artikolu 7** jipprovdi li « ***Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, igħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B.*** **»**

Meta jitqiesu l-ispejjes medici li ghandha CR , minhabba l-kundizzjonijiet medici taghha li qatt ma gew ikkontestati, is-somma ta' €230 hija pjuttost ftit u ghaldaqstant taqbel li dik is-somma ghandha tizdied ghal €300

[27] Dok. AK 3 fl-atti tal-medjazzjoni

sakemm it-tifla taghlaq 23 sena, filwaqt li l-attur ghandu jhallas ghan-nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahhasa dak iz-zmien.

Il-Qorti tikkonferma ukoll li kemm il-manteniment ghall-konvenuta, kif ukoll dak ghal CR ghandu jithallas direttament f'kont bankarju indikat mill-konvenuta.

**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Il-komunjoni tal-akkwisti tikkonsisti fis-segwenti :-

i) Vettura Toyota Corolla bin-numru ta' registrazzjoni CBN 316 . Dina l-vettura kienet inxtrat fl-2005 u ghalhekk fiz-zwieg u kien hemm kontribuzzjoni lejn il-prezz taghha mill-konvenuta ukoll.

Jirrizulta mill-provi li l-attur dejjem ghamel uzu minn dina l-vettura.

Il-konvenuta qed titlob li dina l-istess vettura tigi assenjata lilha u ghal dan qed joggezzjona l-attur, stante li l-konvenuta qatt ma saqet u di piu' peress li ghandu problemi bil-mobilita' llum huwa familjari ma' dina l-vettura u tiffacilitalu hajtu.

Huwa inkonsistenti fix-xhieda tieghu, stante li fis-sottomissjonijiet tieghu jinsisti li minhabba l-problema ta' mobilita' tieghu juza hafna trasport pubbliku, imbaghad fl-istess nifs ighid li huwa juza l-vettura biex imur ix-xoghol.

Dina l-Qorti qed tassenjalu l-vettura Toyota Corolla mhux ghax temmen il-verzjoni tieghu, izda minhabba li l-familiarita' mal-istess vettura tista' biss tghinu fil-mobilita' u di piu' l-istess vettura llum ghandha 'l fuq minn ghoxrin sena u ghaldaqstant ghandha valur zghir.

ii) Il-kirja tal-fond Blokk D3, Flat 6, Housing Estate, Triq il-Kultelazz, Mosta

Il-fond huwa tal-Gvern u kienu haduh minghand oht l-attur meta telqu minn hemm.

Dr. Balzia Bartolo, ikkonfermat li l-kirja kienet saret fiz-zwieg, izda kien jidher l-attur fuq il-kuntratt ghax dak iz-zmien l-Awtorita' kienet tirrikjedi li r-ragel jew the *highest earner* jidher fuq il-kuntratt.

Il-problema principali hi li waqt li l-attur sab fejn ighix ma' hutu fid-dar tal-genituri tieghu wara li gie zgumbrat mid-dar matrimonjali b'ordni tal-Qorti, jirrizulta li l-konvenuta ser ikollha problema sabiex issib akkomodazzjoni alternattiva u ghall-kirja li ghandha peress li huwa post tal-Gvern u ghalhekk mhux il-kirja li ser issib jekk tikri privatament. Lanqas mhi f'qaghda finanzjarja li tixtri post.

Tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi, tenut kont li l-attur huwa primarjament responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg, il-Qorti tikkunsidra li tkun haga gusta li l-konvenuta u bintha CR ghandhom jibqghu jghixu fl-istess fond, liema kirja ghandha tigi assenjata lilha. Kwalsiasi servizzi li hemm fl-istess dar ghandhom jigi assenjati lill-konvenuta u jinqalbu fuqha.

Dwar il-manutenzjoni tal-istess, l-attur ghandu jhallas ghal nofs l-ispejjes wara li l-konvenuta tipprezenta stima tax-xogholijiet li ghandhom isiru.

**Mobbli**

Il-konvenuta qiedgha tinsisti li zzomm id-dar flimkien mal-mobbli li hemm fl-istess fond. L-attur qed jikkontesta ghal dina t-talba. Il-Qorti tirrileva li l-konvenuta kienet xehdet u pproduciet provi li kwalsiasi mobbli li hemm fid-dar kienet xtrathom hi mill-kont savings li kellha jew kien hemm ukoll xi mobbli li xtrawlha l-

genituri taghha. Donnha fis-sottomissjonijiet taghha, il-konvenuta nesiet ghal kollox li kien hemm dawn l-akkwisti.

L-attur ma prroduca ebda prova sabiex jikkontesta dina l-pretensjoni tal-konvenuta. Ghaldaqstant, minhabba nuqqas ta' provi li jirribattu dak li allegat il-konvenuta, il-Qorti ser tilqa' t-talba attrici u tassenjalha l-mobbli li jinstabu fid-dar matrimonjali.

Peress li l-attur ghandu d-delizzju tas-*sound system* u muzika, kwalsiasi oggetti relatati mal-istess u li jinsabu fid-dar matrimonjali ghandhom jigu assenjati lilu.

**Decide**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi :-

1. Tichad l-ewwel talba attrici.
2. Tilqa' t-tieni talba attrici unikament tort tal-attur.
3. Tichad it-tielet talba attrici.
4. Tilqa' r-raba' talba attrici.
5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba stante li llum CR hija maggorenni.
6. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba stante li llum CR hija maggorenni.
7. Tichad is-seba' talba attrici stante li l-htija hija unikament tal-attur.
8. Tilqa' t-tmien talba attrici u xxolji, tillikwida u tassenja l-komunjoni tal-akkwisti kif fuq imfisser.
9. Tichad id-disa' talba attrici ghar-ragunijiet fuq imfissra.
10. Tichad l-ghaxar talba attrici.

11. Tilqa' l-hdax-il talba limitatament ghall-apparat tas-*sound system* u muzika u kwalsiasi accessorji relatati mal-istess.
12. Tilqa' t-tnax-il talba attrici.

**L-ispejjes ghandhom jigu ssopportati nterament mill-attur.**

**Onor.Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**